**Minuti tat-364 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**il-Ħamis, 14 ta' Jannar, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Mozzjoni dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill ssekondata mill-Viċi-Sindku biex il-Kunsill jaħtar lis-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto bħala Deputat Segretarja Eżekuttiv biex fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv teżerċita d-dmirijiet u l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv skond il-liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sur Buttigieg ippropona li ssir korrezzjoni fir-raba' paragrafu ta' paġna 46 u minflok il-kliem 'arblu perikoluż faċċata ta' fejn hemm il-ħanut *Future shop*' jidħol il-kliem 'arblu perikoluż fi Triq Villabate kantuniera ma' Triq Pawlu Scicluna'. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-363 laqgħa kif emendati.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx se jidħol fil-*Public Private Partnership* dwar it-toroq. Is-Sindku qal li l-Kunsill interessat u kien ser jiltaqa' mal-Perit Micallef biex iħejju lista tat-toroq. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li d-Dipartiment kien ser jibgħat aktar informazzjoni fil-jiem li ġejjin dwar il- *Public Private Partnership.*

Is-Sur Buttigieg qal li l-*Public Private Partnership* ma tinvolvix biss it-toroq imma anke *joint venture* bħal id-dar tal-anzjani. Is-Sindku qal li se jġib iktar informazzjoni.

Is-Sur Catania staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-Masġar taż-Żebbuġ f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li kien infurmat li x-xogħol serjibda' dalwaqt. Is-Sur Catania talab li meta jkun ser jinbeda' ix-xogħol il-Kunsill għandu jingħata programm tax-xogħlijiet li ser isiru. Is-Sur Pisani qabel mas-Sur Catania.

Is-Sur Buttigieg ippropona li l-fjuri li nxtraw u tħawwlu mill-ħaddiema tal-Kunsill biex isebbħu l-lokalita' f'Ħaż-Żabbar għandhom jiġu mnaqqsa mill-ħlas dovut għax-xahar ta' Jannar lill-kumpanija ELC. Is-Sur Catania ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja 2010 fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2010 ser tkun ta' €717,099.

Inqrat *Memo* 88/2009 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar seminar informattiv u tqassim tal-liġi l-ġdida li sar nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2010. L-Onor Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni, ippresieda l-preżentazzjoni uffiċjali tal-liġi l-ġdida lill-Kunsilli Lokali. Il-kunsillier s-Sur Buttigieg u s-Sinjorina S Testaferrata de Noto attendew għal din il-preżentazzjoni.

Inqrat *Memo* 89/2009 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *allowance* lill-Kunsilliera u l-Avviz Legali 381 tal-2009. Din l-*allowance* ser tibda tingħata b'effett mill-ewwel ta' Jannar 2010 biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi fil-qadi ta' dmirijiethom.

Inqrat *Memo* 90/2009 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skemi ta' fondi speċjali 2010. Sabiex kull Kunsill ikun f'pożizzjoni li jippjana għal dawn l-iskemi

qed jingħata *pre-avviz* dwar fondi maħsuba għas-sena 2010. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jaraw l-iskemi u jressqu l-proposti tagħhom.
Inqrat *Memo* 1/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar tqassim ta' dokumenti lill-kunsilliera. Kull korrispondenza u *memo* li tintbagħat mid-Dipartiment jiġu mibgħuta lill-Kunsilliera kollha permezz ta' *e-mail*, kif ukoll kull sejħa għall-offerti trid tiġi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern u permezz tad-Dipartiment f'gazzetta lokali indikata mid-Dipartiment. Kull kwotazzjoni trid tiġi ppubblikata wkoll permezz tad-Dipartiment f'gazzetta lokali.

Inqrat *Memo* 2/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Fond ta' Ko-finanzjament għall-Proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt Programm tal-Unjoni Ewropea. L-għan ta' dan il-Fond hu sabiex tingħata għajnuna finanzjarja għal ko-finanzjament dovuta minn dawk il-Kunsill li jkunu sottomettew xi proposta għal proġett taħt xi wieħed mill-Programmi ta Finanzjament u dan il-proġett ikun ġie aċċettat. Is-Sur Pisani semma li hu kien se jkollu laqgħa ma' rapprezentanti tal-MUESAC nhar l-Erbgħa, 20 ta' Jannar, 2010.

Inqrat *Memo* 3/2010 dwar tibdil fl-Onorarju tas-Sindki b'effett mill-ewwel ta' Jannar 2010. Minn issa 'l quddiem l-onorarju għandu jingħata awtomatikament u m'hemmx bżonn aktar li titressaq mozzjoni biex ikun hemm l-approvazzjoni li jingħata l-onorarju.

Inqrat *Memo* 4/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *Risk Assessment tal-Playing Fields* madwar Malta u Għawdex. Id-Dipartiment ħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir *Inspection Report* dwar l-istat tal-*playing fields*. Dan ir-rapport ser jindika xi nuqqasijiet li jista' jkun hemm u kif dawn jistgħu jiġu rimedjati.

Inqrat *Memo* 5/2010 dwar l-*Urban Improvement Fund – MEPA*, fejn ma' dan il-*memo* hemm il-bilanċ ta' fondi li kull lokalita' għandha fil-fond. Il-Kunsill Lokali għandu €26,325 f'dan il-fond. Is-Sur Buttigieg talab lill-Kunsill li jagħmel użu minn dawn il-fondi biex ma nitilfuhomx. Is-Sindku qal li dawn il-fondi kienu ser jintuzaw għall-installazzjoni tal-*lift* fiċ-Ċentru Ċiviku.

Inqrat *Memo* 6/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar taħriġ għall-Kunsillieri. Id-Dipartiment ser jorganizza korsijiet għall-kunsillieri li għandhom diffikulta biex juzaw l-*internet* u l-*email*.

Inqrat *Memo* 7/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema dwar aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet. Il-Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn dan il-fond matul l-2009 mal-applikazzjoni jridu jissottomettu dikjarazzjoni li turi li l-proġett twettaq jew f'liema stadju twettaq. Id-Deputat Segretarja qalet li din il-korrispondenza kienet għadditha lill-Perit Buhagiar biex ilesti d-dokumenti meħtieġa.

Inqrat *Memo* 8/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar xogħlijiet ta' trinek fit-toroq mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali qed jiġi mitlub jipprepara sal-aħħar ta' Jannar 2010 *work plan* tax-xogħlijiet kollha li bi ħsiebhom jagħmlu matul is-sena 2010.

Inqrat *Memo* 9/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar xogħol fuq toroq residenzjali. Għall-ewwel darba fis-sena 2009 il-flus li ġew mogħtija lill-Kunsilli Lokali fl-allokazzjoni għat-toroq u għall-indafa ġew *ring fenced.* Is-Sur Buttigieg qal li għandna nippjanaw x'toroq ser isiru u semma l-bżonn li Triq l-Inkurunazzjoni u Triq Ganni Bonavia jkunu fuq il-lista tat-toroq li għandhom isiru. Is-Sur Catania ippropona li fil-laqgħa li jmiss jiġu msemmija t-toroq li l-Kunsill kien se jagħmel ix-xogħlijiet fuqhom. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Catania u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat *Memo* 10/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema dwar proġetti ta' Enerġija Alternattiva. Is-Sur Bonnici ppropona li nqabdu nies esperti biex jagħtuna stima u tax-xogħol li jrid isir. Is-Sur Catania ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u qal li kien se jgib iktar informazzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat *Memo* 11/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *Pre-Call* għall-proġetti b'aktar minn €2 miljun fil-qalba tal-lokalitajiet biex il-Kunsilli Lokali jieħdu inizjattivi u permezz ta' proġetti li jwettqu jtejbu l-prodott lokali li huma jistgħu joffru u jippromwovu aħjar l-awtentiċita tal-assi li huma għandhom fil-qalba tal-lokalita'.

Inqrat *Memo* 12/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna għat-tħawwil ta' siġar. Dawk il-Kunsilli nteressati għandhom jibgħatu ittra flimkien ma' *site plan* fejn hu maħsub li jitħawlu s-siġar li ser jingħataw.

Inqrat *Memo* 13/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar laqgħa tal-lokalita' u l-preparazzjoni tal-estimi finanzjarji u l-pjan ta' ħidma għas-sena 2010.

Inqrat *Memo* 14/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2010.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talbu lill-Kunsill jibgħat informazzjoni x'toroq hemm ippjanati li jsiru matul l-2010 u jekk il-Kunsill hux interessat jidħol fil-PPP. Is-Sur Buttigieg ippropona li nidħlu fil-*Public Private Partnership*. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibghuta mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said dwar il-konferenza annwali ECAD li ser issir f'pajjiżna fil-21 u t-23 ta'April 2010. L-Għan ta' din il-konferenza hu li ssaħħah il-koperazzjoni u x-xogħol li jsir bejn il-lokalitajiet Ewropej membri ta' din l-organizzazzjoni kontra l-abbuż tad-droga.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq flimkien mar-rapprezentanti tal-Ufficcju Elettorali dwar toroq f'Ħaż-Żabbar li m'għandhomx isem jew inkella l-isem li fil-prezent għandhom m'hux uffiċjali. Il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq obbliga lill-Kunsill jagħmel talba lill-Kumitat sabiex l-isem konċernat jiġi approvat mill-

Ministru responsabbli mill-Pulizija u wara jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Viċi-Sindku ppropona li l-ismijiet ġodda għat-toroq imsemmija jiġu proposti fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibghuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jintuża x-xelter ta' Misraħ is-Sliem bejn ix-xhur ta' Jannar u April sabiex jinbdew il-preparamenti u jerġa jintuza biex tittella' l-Wirja tal-Gimgħa Mqaddsa. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Buhagiar ACSU fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitqiegħed makkinarju u jsir xogħol ta' tħaffir fi Triq Wied il-Għajn għall-proġett *National Flood Relief Project.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, l-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jitqiegħed il-makkinarju u jsir ix-xogħol neċessarju sakemm ikun hemm il-permessi neċessarji mill-Awtorita konċernati.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Malta Post* dwar deċizjoni tal-Awtorita' Maltija tal-Komunizzjani dwar il-pozizzjoni tal-kaxxi tal-ittri pubbliċi fil-lokalita', fejn jirrizulta li għandu jsir ċaqliq kif gej:

- Tinqala' kaxxa minn Triq il-Marlocc u titwaħħal Triq il-Fraxxnu kantuniera ma Triq iċ-Ċikas
- Tinqala' kaxxa minn Triq Santa Marija u titwaħħal fi Triq Villabate kantuniera ma' Triq G.M Caruana
- Teħel kaxxa ġdida fi Triq Santa Duminka kantuniera ma' Triq id-Dukkar

Is-Sur Buhagiar oġġezzjona li jinqalgħu l-kaxxa tal-ittri msemmija u minflokk ippropona li dawk ezistenti jibgħu fejn huma u jitwaħħlu oħra fis-siti proponuti ġodda. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill qabel unanimament li teħel kaxxa ġdida fi Triq Santa Duminka kantuniera ma' Triq id-Dukkar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ammonti dovuti mill-Korporazzjoni Servizzi għas-Servizzi tal-Ilma. L-Assoċjazzjoni se tipprezenta rikors dwar l-ammonti dovuti lil kull Kunsill Lokali. L-informazzjoni għandha tintbgħat sa nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar 2010. Fuq proposta tas-Sur Catania ssekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat din l-informazzjoni lill-Assoċċjazzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Andrew Scicluna lill- MITC dwar l-istat ħazin ta' numru ta' toroq f'Ħaż-Żabbar u toroq oħra arterjali. Il-MITC qalet li l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta se tagħmel xogħlijiet ta' asfaltar fil-ġimgħat li ġejjin tul partijiet minn Triq l-10 ta' Settembru 1797. Dwar Triq il-Foss, Triq il-Kunsill tal-

Ewropa u Triq Santa Liberata dawn jiffurmaw parti mir-rotot ta’ devjazzjoni għal Smart City u xogħlijiet fuqhom mistennija jsiru bejn l-aħħar ta’ din is-sena u s-sena 2012. Dwar Triq is-Santwarju taqa’ taħt ir-responsabilita’ tal-Kunsill Lokali, s-Sindku qal li x-xogħol f’din it-triq kien ser isir

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumpanija TCTC dwar l-applikazzjoni għall-korsijiet EBIZ li ser jiġu aċċettati mil-20 ta’ Jannar 2010 mill-uffiċċju ta’ TCTC Naxxar. Dawn il-korsijiet tal-kompjuter se jkunu parti sostanzjali ffinanzjati mill-Fondi tal-Unjoni Ewropeja. Il-Kumpanija TCTC ser torganizza l-avveniment annwali għall-Kunsilli Lokali nhar il-Gimgħa, 15 ta’ Jannar 2010 fis-siegħa ta’ wara nofs inhar.

Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta mill-Kumpanija TCTC dwar il-ftuħ uffiċjali taċ-ċentru l-ġdid għall-korsijiet li waqqaf il-Kunsill fiċ-Centru Ċiviku nhar il-Ġimgħa t-12 ta’ Frar 2010. Is-Sur Buhagiar qal li għall-ftuħ ġie mistieden is-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said.

Il-kumpanija TCTC semmiet il-bżonn ta’ erba’ mwejjed oħra għal dan iċ-ċentru għal prezz ta’ €169.30 il-waħda. Is-Sur Buhagiar ippropona li dawn l-imwejjed jinxtraw. Is-Sur Pace ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumpanija TCTC fejn infurmat lill-Kunsill li tkun xi tkun il-konkorrenza l-Kunsill ma kien se jħallas l-ebda spejjez.

Fis-7.05 is-Sur Bonnici talab li jkun skuzat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said dwar il-laqgħa li kellu mas-Sindku u l-kunsilliera. Hu informa lill-Kunsill li se jsegwi l-proċess dwar d-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku u li dwar il-park reġjonali fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa kellem lill-Ministru Pullicino bil-ħsieb li dan jitkompla fis-sena 2010.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Inginier Stephen Buttigieg dwar il-progett li tlesta tal-Mina ta’ Hompesch. Is-Sur Buttigieg issugerixxa lill-Kunsill li jittieħdu ritratti professjonali tal-Mina ta’ Hompesch. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, l-Kunsill qabel unanimament li nġibu kwotazzjoni minn fotografi professjonali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Wilhelm Speckhardt fejn irringrazzja lill-Kunsill talli din is-sena ser jonorah b’Ġieh Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda CAREMALTA dwar in-nominazzjonijiet għall-Premju Nazzareno Vassallo li ser jagħlqu nhar il-Ġimgha, 29 ta’ Jannar, 2010.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Leon Promotions dwar l-attivita’ tal-Karnival li ser isir f’Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd, 14 ta’ Frar, 2010. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, l-Kunsill qabel unanimament li jittella’ l-programm kif propost minn din il-kumpanija ghall-ħlas ta’ €700 (eskluz il-VAT).

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn t-3 ta' Diċembru, 2009 u l-14 ta' Jannar 2009 li kien jammonta għal €40,712.72. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Dicembru 2009 li kien jammonta għal €65.69. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw *complimentary* bejn it-18 ta' Marzu, 2009 u t-30 ta' Dicembru, 2009. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tal-Viċi-Sindku li giet issekondata mis-Sur Buhagiar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Wilhelm Speckhardt fejn infurmana li l-Kunsill ta' Eschborn approva li jsir Ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Speckhardt talab sabiex il-Kunsill jibgħat l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-ġemllagg. Fuq proposta tas-Sur Pisani ssekondata mis-Sur Pace, l-Kunsill qabel li jibda l-proċeduri biex jagħmel ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Eschborn.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Limited* għat-tindif, żamma u manutenżjoni tas-*soft areas, roundabouts,* qsari u żbir ta' siġar, ser jiskadi fit-12 ta' Marzu, 2010 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kien ser jiskadi u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt li jista' jiġi mġedded għal sena addizzjonali. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jġededd dan il-kuntratt għal sena dan il-kuntratt għal sena oħra bl-istess rati u kundizzjonijiet.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi zewġ offerti għall-kuntratt għat-tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi. L-offerti mitfugħa kienu mingħand:

| **Kuntrattur** | **Prezz** |
|---|---|
| Stephen Ellull | €20,965 |
| Terrence Farrugia | €18,350 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti kienu kollha sottomessi u ffirmati mill-offerenti.

Is-Sindku ppropona li tintgħazel l-offerta tas-Sur Ellul għar-raġuni li kien se jaħdem b'iktar ħaddiema mis-Sur Farrugia. Is-Sur Pace ssekonda lis-Sindku u din il-proposta għaddiet b'seba voti favur u wieħed kontra. Is-Sur Pisani qal li hu ivvota kontra għax jaħseb li l-offerta tas-Sur Ellul hija baxxa biex tikopri tlett ħaddiema jiġġifieri wieħed ma' kull latrina.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi peress li s-sena l-oħra ma kienx possibli għal-uħud mill-impjegati tal-Kunsill li jagħmlu użu sħiħ mill-ġranet ta' *vacation leave* minħabba esiġenzi ta' xogħol, qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' ġranet mill-*vacation leave* ta' sena 2009 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tal-impjegati ta' din is-sena 2010 kif ġej:

| | |
|---|---|
| Duncan Busuttil (Segretarju Eżekuttiv) | 8 ġranet, 7 siegħat u nofs |
| Isabella Testaferrata De Noto (Assistent Amministrattiv) | 14 il-siegħa |
| Stephanie Testaferrata De Noto (Assistent Amministrattiv) | 10 ġranet |
| Mary Rose Caruana (Uffiċċjal Eżekuttiv) | 1 ġurnata |
| Alison Agius (Uffiċċjal Eżekuttiv) | 4 siegħat |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament li dawn il-ġranet ta' *vacation leave* jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tal-impjegati għas-sena 2010.

*Performance Bonus* tal-impjegati

Il-Kunsill ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-impjegati għall-perjodu 1 ta' April 2009 – 31 ta' Diċembru 2009. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati kollha jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* (6%).

Il-Kunsill ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu 1 ta' April 2009 – 31 ta' Diċembru 2009. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata il-massimu tal-*performance bonus* (10%).

Jum Ħaż-Żabbar

Is-Sur Pace ta' spjegazzjoni dettaljata tal-attivitajiet li ser isiru nhar il-Ħadd, 31 ta' Jannar 2010 u it-Tnejn, l-1 ta' Frar 2010 fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Pace ta dettalji dwar iz-zjara uffiċjali li l-Eċċelenza Tiegħu il-President ta' Malta ser jagħmel f'Ħaż-Żabbar nhar it-Tlieta 23 ta' Frar, 2010 u nhar il-Hadd 28 ta' Frar 2010.

Is-Sur Pace ppropona li Eċċelenza Tiegħu l-President ta' Malta u s-Sinjura Tiegħu jkunu l-mistiednin distinti waqt is-Serata Musico-Letterarja li ssir fl-okkazzjon ta' Jum Ħaż-Żabbar li ser isir nhar it-Tnejn, 1 ta' Frar, 2010 u din tkun ukoll taħt il-Patronċinju tiegħu. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pace tkellem dwar l-attivita' Lejla Fil-Belt Hompesch: *A Festival of Arts, History and Culture* li ser tittella fit-22 u 23 ta' Mejju 2010. Din l-attivita' ser tiġi ffinanzjata taħt l-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet.

Fit-9.00 ta' filgħaxija s-Sur Pace u s-Sur Catania talbu li jkunu skużati.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tinbidel bozza li hemm mal-kamra tal-kenniesa fi Triq Villabate.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tiġi rranġata rampa li hemm f'Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Buttigieg qal li fi Triq Ġ Agius Muscat diga qed jinqala' t-tarmak u saħaq li l-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol m'għandux jiġi mħallas qabel ma tiġi rranġata din it-triq.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tiġi rranġata bankina mkissra fi Triq il-Kapuċċini.

Is-Sur Buttigieg semma il-ħtieġa li jinqalgħu s-siġar li hemm f'Misraħ San Ġakbu minħabba li qed jagħmlu ħsara lill-paviment. Is-Sindku qal li hu kien tkellem mar-rappreżentanti tal-Kumpanija ELC u kienu nfurmawh li dawn is-sigar ma setgħux jinqalgħu.

Is-Sur Buttigieg qal li uħud mill-bankijiet li hemm f'Misraħ San Ġakbu għandhom l-injam maqlugħ.

Is-Sur Pisani talab lill-Kunsillieri li jekk jixtiequ li tinkiseb iktar informazzjoni dwar xi skemi/fondi mill-Unjoni Ewropea, kien lest li jressaq il-proposti tagħhom quddiem ir-rappreżentanti tal-MUESAC.

Is-Sur Pisani talab lill-Kunsillieri biex jippreparaw l-artikli għall-magażin Citta' Hompesch sa mhux aktar tard mill-10 ta' Frar sabiex ikun jista' jibda jħejji l-magażin. Is-Sur Pisani ppropona li l-magażin Citta' Hompesch għandu jitqassam fil-21 ta' Marzu, 2010. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jsiru *yellow lines* faċċata tal-garaxxijiet fi Triq iċ-Ċulqana u Triq Spadaro. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien se jikteb lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

Is-Sur Grech ppropona li jitqiegħed bank ħdejn il-klabb tal-futbol tas-St Patrick. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.
Is-Sinjura Calleja talbet biex jitwaħħal *dog litter bin* fi Triq l-Iskola biswit l-Iskola Dr Francis Chetcuti. Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jitpoġġa *bin* ukoll fi Triq San Ġuzepp.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li titranġa l-bankina li hemm fi Triq Bormla ma' Triq il-Kittien

Il-laqgħa spiċċat fit-9.15 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata de Noto
Deputat Segretarja

Dawn il-minuti ġew approvati fit-365 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, s-27 ta' Jannar, 2010.

Domenic Agius
Sindku